# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru    18**

**Avviz  numru    1583/99/SM**

**Elmo Insurance Services Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Megabyte Limited u l-istess Megabyte Limited u permezz ta' nota datata 7 ta' Frar, 2000 is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha**

**Megabyte Limited assumiet l-atti tal-kawza.**

**vs**

**David Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' hames mija u erbatax-il lira wiehed u tletin centezmu (LM514.31,0) in kwantu ghal erba' mija u erbatax-il lira u wiehed u tletin centezmu (LM414.31,0) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited noe u in kwantu ghal mitt lira (LM100.00,0) lis-socjeta' attrici Magabyte Limited, in linea ta' danni minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Marsaxlokk fit-2 ta' Lulju 1998 meta waqt li hu kien qed isuq bicycle baqa diehel u habat fil-vettura Nru AAJ 369 proprjeta' tas-socjeta' attrici Magabyte Limited u misjuqa minn Joseph Sammut – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

2. **Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Marzu 1999 u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' dan l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Jannar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **illi l-incident in kwistjoni ma garax tort tieghu izda ta' l-attur;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-atturi, dak tal-konvenut ghazel li ma jidhrix fl-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni orali tieghu minghajr ma jressaq ebda raguni valida fil-ligi ghal dan;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fit-2 ta' Lulju ta' l-1998 ghall-habta tat-8.00 p.m. f'Tal-Barrani int u niezel lejn Marsaxlokk f'inkrocju li hemm indukrat minn nicca karatteristika kontenenti l-istatwa tar-Redentur;**

2. **Illi Joseph Sammut impjegat tas-socjeta' attrici Megabyte Limited kien qed isuq b'velocita' moderata l-vettura tal-marka Renault bin-numru AAJ-369 fid-direzzjoni ta' Marsaxlokk meta f'daqqa wahda qasamlu l-konvenut bil-bicycle tieghu;**

3. **Illi il-mod li bih il-konvenut hareg minn naha ta' l-istatwa tar-Redentur fuq indikata u qasam ghall-karreggjata ta' Sammut l-incident kien inevitabbili;**

4. **Illi kagun tal-kollizjoni de quo s-socjeta' assikuratrici soffriet id-danni reklamati fl-avviz odjern, filwaqt li s-socjeta' attrici l-ohra sofriet mitt Lira Maltija (LM100.00,0), bhala "excess";**

5. **Illi sallum il-konvenut ghadu m'ghamilx tajjeb ghad-danni minnhu ikkagunati;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti kif fuq esposti joholqu diversi problemi lil din il-qorti stante li meta ezaminat l-iskizz ma sabet xejn x'jista' jostakola l-vizwali tal-konvenut li kien il-forza notrici ta' l-incident de quo;**

**Illi pero' minn analizi akkurat tax-xhieda prodotta jirrizulta li a tempo vergine l-istess konvenut irrivela il-vera raguni ghaliex sehh l-incident meta skond is-surgent li effettwa l-iskizz, il-konvenut huwa rrapurtat li qal li "…giet ix-xemx f'ghajnejja u f'daqqa wahda sema' karozza tibbrejkja";**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetajiet attrici ippruvaw il-kaz taghhom skond il-ligi u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara li l-incident in dizamina sehh unikament tort u htija tal-konvenut David Spiteri;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' hames mija u erbatax il-Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu, (LM514.31,0), in kwantu ghal erba' mija u erbatax-il Lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (LM414.31,0), lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Services Limited nomine u in kwantu ghal mitt Lira Maltin, (LM100.00,0), lis-socjeta' attrici Megabyte Limited;**

3. **Tikkundanna lill-konvenut David Spiteri biex ihallas l-ammont ta' danni hekk likwidati, bl-ispejjez u imghaxijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**